Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2003

Numru 96/2003

**PULIZIJA**
**SPETTUR DENNIS THEUMA**
**SPETTUR MICHAEL MALLIA**

**VS**

**VINCENT ZAHRA**

**Illum 21 ta' Mejju 2003.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Vincent Zahra, iben Emanuel u Maria Lourdes nee' Sultana imwieled Pieta fid-

9 ta' Jannar 1977 residenti Blokk C Flat 1, Binja Speranza, Taz-Zokrija Housing Estate, Mosta, bin-numru tal-karta ta' l-identita' 69877 (M);

Talli f'dawn il-Gzejjer fil-15 ta' Novembru 2002, gewwa B'Kara, bil-hsieb li jaghmel delitt (specifikament serq ta' car stereo mudell Yoko minn gol-vettura CBE 492 tal-marka Maruti Gyps ghad-detriment ta' sid il-vettura Paul Attard bin-numru ta' l-identita' 778657 (M)) wera' dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta' l-imsemmi delitt liema delitt ma' giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu, liema delitt huwa aggravat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa.

U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli specifikament ghamel hsara fl-imsemmija vettura, liema hsara ma teccedix l-ghaxar liri maltin (Lm10);

Wara illi rat l-Artikoli 263(a), 270 , 271(g), 325(d) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi wara li semghet ix-xhieda prodotta;

U wara illi rat illi Paul Attard hafer lill-imputat;

Din il-Qorti, filwaqt li ssib lill-imsemmi imputat hati ta’ l-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni, qeghda a tenur ta’ l-Artikolu 28, tikkundannah ghall-piena ta’ sitt (6) xhur prigunerija, izda tordna illi din is-sentenza ma’ tibdix issehh, hlief jekk matul il-perjodu ta’ sentejn (2) mil-lum, l-istess imputat jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------